# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni Numru 2272

Każ Numru 2868/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Veronique Amato Gauci
(ID 436560M)
u
EMD Advisory Services Limited
(C27724)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

**Chairman: James Pearsall**

**Illum il-Hamis 20 ta' Frar 2014**

1. **Ir-riferenza tal-każ**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ippreżentata minn Veronique Amato Gauci fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar il-4 ta' Jannar 2011 fejn sostniet illi t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta) u anke bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg tal-31 ta' Lulju 2008.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata f'dikjarazzjoni illi għamlet, datata s-26 ta'Jannar 2011, ċaħdet bil-qawwa l-allegazzjoni tal-appellanta illi hija tkeċċiet mingħajr raġuni valida fil-liġi. It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif preżentati miż-żewġ partijiet, żamm erbatax-il (14) seduta, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien xahar kif stabbilit mil-liġi minħabba n-numru ta' seduti, diferimenti li ntalbu, kif ukoll minħabba ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

## 2. Ir-rappreżentanza

2.1 Veronique Amato Gauci li minn issa 'l quddiem ser tisssejjaħ ir-rikorrenti kienet megħjuna mill-Avukat Anthony Farruġia.

2.2 Is-Socjetà EMD Advisory Services Ltd li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mill-Avukat Pierre Mifsud assistit mill-Avukat Nicole Vella.

## 3. Il-fatti tal-każ fil-qosor

Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata nhar il-31 ta' Lulju 2008 fil-kariga ta' *Administration Manager* fuq kuntratt *full time* għal żmien indefinit. It-Tnejn, il-11 ta' Ottubru 2010, inqala' argument fuq xogħol bejn ir-rikorrenti u wieħed mill-*partners* tas-soċjetà intimata. Fit-12 ta' Ottubru wara nofsinhar ħassitha ma tiflaħx u kellha titlaq mix-xogħol. Hija ġiet iċċertifikata mit-tabib kurrenti tagħha fejn qalillha sabiex tagħmel xi jiem barra mix-xogħol. Ix-xhud qalet li l-għada, u ċjoe fit-13 ta' Ottubru, hija infurmat l-uffiċċju li kienet indisposta li tidħol għax-xogħol, u dakinhar stess ġiet mitluba li hija kellha tagħmel użu mill-*vacation leave* u mhux mis-*sick leave* kemm-il darba kienet ser toħroġ mid-dar anke jekk fuq rakkomandazzjoni tat-tabib. Fl-istess ġurnata rċeviet ittra permezz ta' *hand delivered courier* fejn ġiet infurmata bit-terminazzjoni tal-impjieg tagħha minn mas-soċjetà, kif ukoll li hija kellha tirċievi l-FS3 u l-aħħar salarju bil-posta.

## 4. Il-lista ta' xhieda

4.1 Xhieda mressqa mir-rikorrenti (lista annessa fil-proċess)

4.2 Xhieda mressqa mis-soċjetà intimata (lista annessa fil-proċess)

## 5. Il-lista ta' dokumenti

**5.1** Ġew ippreżentati sensiela ta' dokumenti kemm mir-rikorrenti kif ukoll mis-soċjetà intimata li dawn ġew esibiti fil-proċess ta' dan każ u li tagħhom iż-żewġ partijiet għandhom kopja.

## 6. Is-sinteżi tax-xhieda

**6.1 Malcolm Pace Debono** *HR Manager* mas-soċjetà intimata xehed fit-3 ta' Marzu 2011. Hu spejga "*kellna naħdmu wkoll id f'id fuq ċertu proċeduri li konna qed nimplimentaw internament".* Huwa kompla "*Bażikament osservajt ukoll illi fl-inkarigu li kellha kienet negattiva ħafna fl-approach, ...*" (paġna 4, tat-3 ta' Marzu 2011).
"*Dan ir-rwol tagħha kien pivotal fl-uffiċċju Administration Manager". "She was finding it difficult to work with five partners. That was the main issue that she had. Meta telqet she was not in a good state of affairs".* Hu anke rrefera li "*kien hemm sensiela ta' ġranet fejn jiena kważi kont ninkwieta li anke her health was being affected."* (paġna 13-15, tat-3 ta' Marzu 2011)

**6.2 Dr. Italo Ellul** direttur tas-soċjetà intimata xehed fuq l-atteġġjament tar-rikorrenti fl-aħħar xhur tal-impjieg tagħha u spjega x'kien għaddej bejn ir-rikorrenti u l-bqija tal-impjegati fl-uffiċċju tas-soċjetà intimata. Xehed ukoll x'ġara dakinhar tal-inċident meta huwa qal li r-rikorrenti qabdet u telqet u wara kif ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie terminat. Meta mistoqsi miċ-Chairman qal li ma kinux avżawha bit-terminazzjoni tal-impjieg, *"Le, ma kellimnihiex. Jiena personalment ma kellimthiex għall-inqas, ma nafx jekk il-kollegi"*. (paġna 14, tal-25 ta'Mejju 2011*)*

**6.3 Dr.Pierre Mifsud** direttur tas-soċjetà intimata fix-xhieda tiegħu qal, "*Bażikament aħna kif ingaġġajna lil Ms Amato Gauci mill-ewwel deherli li kien hemm xi ħaġa li ma kinietx sejra sew. Amano amano ma beda jgħaddi ż-żmien ovvjament l-affarijiet qalbu għall-agħar, speċjalment fl-aħħar xhur tal-impjieg tagħha. Dan sakemm is-sitwazzjoni saret mhux sostenibbli ...*". (paġna 2, tas-27 ta' Lulju 2011). Fix-xhieda tiegħu huwa rrefera għas-sitwazzjoni negattiva li kienet qiegħda tiġġenera fost l-impjegati tal-uffiċċju. Hu rrefera ukoll għall x impjegati kif ukoll klijenti li qal li kellhom *compliants* fuq ir-rikorrenti. Xehed ukoll li fuq talba tiegħu saret laqgħa mar-rikorrenti fil preżenza tal-*HR* fejn ix-xhud qal li " *.. infexxet tibki niftakaru saret hysterical ukoll f'ċertu punt. Imbagħad qaltli isma' fuq kollox jiena jekk triduni nitlaq, nitlaq. U jiena għidtilha agħmel kif tħossok. Dan kien il-kliem tiegħi."* Ix-xhud għall-mistoqsija taċ-Chairman *qal, "Ma daħħalna lil ħadd għax bażikament waħda mill-impjegati li kienet tieħu ħsieb ċertu amministrazzjoni diġà fil-kumpanija bdiet tieħu x-xogħol ta' Ms Amato Gauci".* (paġna 12-13, tas-27 ta' Lulju 2011).

**6.4 Stephen Balzan** direttur u azzjonista tas-soċjetà intimata qal fix-xhieda tiegħu li r-rikorrenti, "*Kienet*

*tiġi għand il-partners kollha , però ma nafx għaliex kellha ċertu kunfidenza miegħi li kienet tħossha komda titkellem miegħi".* Hu rrefera li kien l-aħħar ftit xhur meta bdew il-problemi. Hu kompla jispjega wkoll rigward l-imġieba tagħha mal-impjegati għax l-effett kien qiegħed ikun li l-impjegati kienu qed jisfidawha aktar. Meta rrefera għall-każ ta' meta telqet id-dar fejn qabel telqet għamlet xi mossa b 'idejha, hu qal, "... *ma stajtx nifhem eżatt dak il-ħin x'mossa kienet. Wara rrealiżżajt li l-mossa kienet hekk, iġifieri tielqa.*" (paġna 2, tas-26 ta' Settembru 2011).

Huwa xehed ukoll, "*Iva, Malcolm Pace Debono qalli li hi qaltlu li trid titlaq, però hu qalilha taf li m'għandi l-ebda awtorità nħallik titlaq, ħu il-permess mingħand il-persuni li s-soltu dejjem tawk il-permess*." (paġna 10, tal-21 ta' Marzu 2012).

Fix-xhieda qal, "*U ddeċidejna li minħabba numru ta' ċirkostanzi li kienu qed jiġru prattikament mil-bidu tal-impjieg tagħha, iddeċidejna li ssaportejnieha biżżejjed... u ddeċidejna l-għada li telqet mingħajr ma talbet permess, li nitterminawlha l-impjieg tagħha."* (paġna 2) Hu kkonferma li ma kinux kellmuha rigward it-tmiem tal-impjieg tagħha. Hu kkonferma ukoll, li l-għada filgħodu rċeva imejl fejn ir-rikorrenti kienet qaltlu li ġabet it-tabib u għandha ċertifikati medici u pproponiet li tippreżentahom. (paġna 22, tal-21 ta' Marzu 2012).

**6.5 Dr Jeremy Debono** direttur u azzjonista tas-soċjetà intimata fix-xhieda tiegħu tenna li "*il-problemi ma' Ms Amato Gauci kienu mill bidu".* Hu spjega li kellha problemi ma' kulħadd kemm mad-diretturi kif ukoll mal-impjegati oħra, kif ukoll ma' xi klijenti. Hu qal li kienu kellmuha dwar dan.

**Dr. Debono** kkonferma li ħafna mix-xogħol, anke t-trasferiment tal-uffiċċju kienu inkarigu tagħha, kif ukoll li r-rikorrenti kienet responsabbli minn diversi aspetti mniżżla fil-*handbook* tas-soċjetà intimata. (paġna 11, tat-30 ta' Novembru 2011).

**Dr.Debono** f'xhieda tiegħu qal li "*Ir-relazzjoni tiegħi ma' Veronique kienet jien ma tantx kelli x'naqsam magħha prattikament igifieri kemm damet taħdem magħna"*. (paġna 3, tat-30 ta' Novembru 2011) Huwa rrefera li meta r-rikorrenti kellha l-każ li kienet ma tiflaħx u qal "... *setgħet marret għand l-HR... u tgħidlu li isma' jiena ma niflaħx, ħa jkolli mmur id-dar".* (paġna 17, tat-30 ta' Novembru 2011).

**6.6 Veronique Amato Gauci** r-rikorrenti fix-xhieda tagħha tirreferi, li peress li l-*partners* kellhom different *priorities*, hija kienet tinħass li mhux qed tobdi lil wieħed għax qed tagħmel xi ħaġa lill-*partner* ieħor. (paġna 5, tat-2 ta' Frar 2011.) Hi fl-istess xhieda ripetutament innegat li hi, "*declined from performing her duties"*. Fil-laqgħat li hija kellha mad-diretturi tas-soċjetà intimata hi qalet li dawn dejjem irreferewlha għall-*attitude problem* li kellha. Hija rreferiet għall-allegazzjonijiet tal-attitudni li kellha mal-klijenti fejn talbet sabiex tirrinfaċjhom u qatt ma ngħatat dan iċ-ċans. Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha spjegat skontri li hija

kellha kemm ma' direttur partikulari kif ukoll ma' uħud mill-impjegati rigward xogħol jew osservanzi li huma kellhom jagħmlu, u kif kienet tiġi milqugħha meta hi kienet tipprova tasserixxxi l-ordinijiet li kienet tingħata sabiex issegwi.

Hi kkonfermat li qatt ma ngħatat *warnings* jew qalulha li ser titkeċċa mix-xogħol. Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha qalet li f'dik il-ġurnata tat 12 ta' Ottubru 2010, wara nofsinhar, meta ħasset il-bżonn li trid titlaq mix-xogħol għax kienet qed tħossha ma tiflaħx, hija ppruvat tavża lil xi wieħed mid-diretturi, anke permezz tat-telefon ,iżda dan kien kollu għalxejn. Meta ppruvat tagħmel sinjal lil Stephen Balzan, li kienet ser titlaq, dan lanqas biss ħareġ mill-uffiċċju. Hi anke kellmet lis-Sur Malcolm Pace Debono *HR manager*, fejn qaltlu, *"għidilhom* (lid-diretturi) *li sejra d-dar għax mhux qed inħossni tajjeb, u tlaqt".* (paġna 15).

Ir-rikorrenti rreferiet għall-*text message* (SMS) li ġie ppreżentat matul il-proċess fejn qalet, *"Għandi text message mingħand wieħed mid-diretturi jistaqsini did Pierre and Malcolm come and speak to you? Because I objected. If it is a warning it doesn't count because it doesn't come from all the partners. These are different text messages".* (paġna 24, tat-2 ta' Frar 2010)

## 7 <u>Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ</u>

**7.1 Dr Nicole Vella** għan-nom tas-soċjetà intimata tittratta x-xhieda mogħtija mill-*partners* tal-istess soċjetà fejn tispjega l-importanza tal-pożizzjoni doveruża tar-rikkorenti. Ix-xhieda juru li x-xogħol tagħha kien tajjeb anke jekk bil-problemi u li ma kienx jimmerita li hija tiġi mwaqqfa fiż-żmien tal-*probation*. "*Ħadd ma jinnega li kien hemm żmien u żmien twil, meta xogħolha kien tajjeb*". Fil-fatt jiġi nnotat li l-effiċjenza fil-perjodu tal-ewwel sena u nofs mhix ikkontestata. (paġna 13, tal-21 ta' Ġunju 2013).

Il-perjodu ta' bejn Ġunju u Ottubru Dr Vella tispjega li l-affarijiet iddeġeneraw. Għamlet riferenza għall-*SMSs* bħala li kienu *selective* u spjegat l-iskop warajhom fl-użu tagħhom mir-rikorrenti.

Saru riferenzi għaż-żewġ deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali waħda Joseph Genovese vs Golden Sands fir-rigward tar-rispett tal-impjegat vis-à-vis min jimpjegah kif ukoll deċiżjoni Saviour Caruana vs John's Garage fejn issir riferenza għat-tifsira ta' x'inhu *warning.*

**7.2 Dr Anthony Farruġia** għan-nom tar-rikorrenti enfasizza l-argumenti tiegħu billi semma l-allegati nuqqasijiet tal-esponenti kif ukoll kompla jispjega kif dawn in-nuqqasijiet qatt ma ġew iddikjarati kemm fis-sena ta'*probation* kif ukoll fix-xhur ta' wara fejn anke ġew mogħtija lir-rikorrenti *bonuses* għal xogħol *extra* li hija kienet tagħmel.

Dr Farruġia spjega li r-rikorrenti ċaħdet li hija naqqset minn dmirijietha u kif u l-qadi tad-doveri mitluba minnha u n-nuqqas ta' kollaborazzjoni bejnha u l-*partners* tas-soċjetà intimata, kien il-kaġun tal-istress jew tensjoni li kien qed ikollha r-rikorrenti.

Dr. Farruġia spjega l-inċident meta r-rikorrenti riedet titlaq mix-xogħol minħabba raġuni li kienet ma tiflaħx kif ukoll li hija konsegwentiment ġiet iċċertifikata mit-tabib tagħha.

Ġie spjegat ukoll x'ġara mill-hekk imsejħa '*Disciplinary hearings*' kif ukoll *warnings* fejn jesponi li dawn qatt ma kien jidher li kellhom x' indikazzjoni ta' tkeċċija mill-impjieg.

Dr.Farruġia ġibed l-attenzjoni kif l-istat tar-rikorrenti minn wara t-tkeċċija ħolqilha diffikultajiet fid-dikjarazzjoni tagħha sabiex issib impjieg ġdid.

Saret riferenza ghall decizjoni tat Tribunal mghotija 28-10-2008 John Cutajar vs Allegro Andante Ltd ikkonfermata fl-Appell 2-10-2009 fejn gie ppruvat li anke fil kaz ta ilmenti numeruzi kontra l-impjegat finalment ma kienx jimmerita tkeccija mill impieg.

## 8 <u>Il-kunsiderazzjonijiet tat-tribunal</u>

It-Tribunal wara li fehem kemm il-kuntest ta' xi kwalità ta' xogħol kienet teżerċita l-kumpanija, kif ukoll l-ambjent li nħoloq minħabba n-natura tal-istess xogħol seta' janalizza s-seħħ ta' dan il-każ u jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Din il-kumpanija kemm minn kif hija kostitwita kif ukoll il-kwalità ta' xogħlijiet f' oqsma varji li kienet teżerċita diġà minnha nnifisha toħloq lok għal sitwazzjonijiet kontrastanti. Dan jirriżulta anke mill-ħeġġa, li l-istess propjetarji, f'dan il-każ *partners*/*diretturi* tal-kumpanija, jibdew ifittxu dawk it-toroq ta' kompromess sabiex jilħqu l-għanijiet f'xogħolhom b'kull mezz disponibbli.

Stante għall-fatt, li fil bidu, il-kumpanija kienet waħda mdaqsa (xi 20 impjegat) u li maż-żmien kibret għal (xi 50 sa 60 ruħ) wieħed jifhem sew li l-amministrazzjoni ta' din l-istess kumpanija bdiet issir aktar delikata kif ukoll diffiċli fil-funzjoni tagħha b'mod speċjali fir-relazzjoni minn fuq għal isfel i.e l-*partners* u l-impjegati l-oħra), kemm minħabba l-ammont kif ukoll il-kwalità tax-xogħol impenjattiv li kienet qiegħda tidħol għalih.

Ir-rikorrenti kienet impjegata bħala *Adminstration Manager*, pożizzjoni ta' impjieg li d-doveri elenkati fil-klawsola 3(e) fil-kuntratt tax-xogħol (doc A), kienu kopru spettru sħiħ ta'responsabbilità li ġiegħel lil din il-persuna tkun waħda essenzjalissma għas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti kienet ilha f'din il-pożizzjoni mit-twaqqif tas-soċjetà intimata għal aktar minn sentejn tagħmel dan ix-xogħol u b'effiċjenza fejn tali effiċjenza ġiet rikonoxxuta permezz ta' *bonuses extra* mis-salarju, kif ukoll ringrazzjamenti b'noti ta'apprezzament mid-direzzjoni tas-soċjetà.

Maż-żmien is-soċjetà intimata kabbret l-operat tax-xogħol tagħha, kif ukoll in-numru ta' impjegati, b'riżultat li x-xogħol tal-*Administration Manager* żdied qatiegħ. Jekk wieħed jara l-*Office Manual* (Dok AA) li kien ukoll jaqa' taħt ir-responsabbilità tar-rikorrenti, dan jagħti wieħed x'jifhem li bilfors hi kienet taħt pressjoni kontinwà ta' xogħol. L-effett ta' din il-pressjoni seta' rriżulta f'dan it-tibdil tal-atteġjament min-naħa tar-rikorrenti, u li tali atteġġjament seta' kien riżultat ta' ansjetà żejda sabiex ix-xogħol u l-ordnijiet tal-ġurnata min-naħa tar-rikorrenti isiru, u jsiru kif mitlub mill-istess regolamenti tas-soċjetà, u kif kienet tamministrahom fil-passat.

Is-soċjetà intimata kif manifestat b'diversi xhieda tgħid li kellmet lir-rikorenti għal diversi drabi rigward l-atteġġjament tagħha, hekk mitqies bħala negattiv. Ġie aċċennat li r-rikorrenti kienet tkun difensiva waqt diskussjonijiet, hekk riferuti mis-soċjetà bħala *Disciplinary hearings*. Dan ifisser ukoll li hi kienet tagħti r-raġunijiet tagħha għalxiex kien qiegħed jiżviluppa tali atteġġjament.

Minn kif ġew sponuti l-fatti f'dan il-proċess, it-Tribunal ma sab l-ebda riferiment għal xi parir jew rakkommandazzjoni li setgħu ġew mogħtija lir-rikorrenti sabiex hija tingħata għajnuna ta' kif dan l-atteġġjament seta' jinbidel. It-Tribunal ma setax jifhem kif matul sentejn ta' impjieg, b'kuntratt fejn ir-rikorrenti kellha sena ta' prova, l-attenzjoni tagħha la ġiet miġbuda kif lanqas ma' ġiet ammonita li hija qiegħda teżerċita attitudni negattiva u ***li tali atteġġjament qiegħed iwassal għal sitwazzjonijiet serji u mhux aċċettabbli għas-soċjetà.*** Kienet tkun aktar serjetà professjonali tas-soċjetà intimata kieku tal-anqas ir-rikorrenti ġiet mibdula mill-pożizzjoni tax-xogħol tagħha jew aktar u aktar sospiża temporanjament minn xogħolha sabiex tkun asserita l-gravità tas-sitwazzjoni.

Waqt it-trattament ta' dan il-każ, jingħad li din il-persuna kienet indikata li kellha atteġġjament negattiv mill-bidu tal-impjieg tagħha, dan żgur ma jreġġix għat-tribunal, kif ukoll ma ngħatawx provi konkreti kif u għaliex ir-rikorrenti setgħet kellha problemi mal-impjegati l-oħra kollha.

Huwa magħruf sewwa li meta soċjetà tallega li kienet taf bl-attitudni negattiva li kellha r-rikorrenti, anke fiż-żmien tal-prova, u din l-istess soċjetà ma tirreaġixxix tempestivament, tkun ikkunsidrata bħala li s-soċjetà qiegħda taċċetta s-sitwazzjoni, u ma jistax wieħed jinterpreta li wara perjodu twil ta' xhur jiddeċiedi li f'anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa itemm l-impieg tal-impjegat/a, f'dan il-każ ir-rikorrenti.

It-Tribunal ma sabx paragun fl-attegjament ta' l-impjegat fil kaz riferut mis-socjeta intimata *Jos Genovese vs Golden Sands* ma dak tar-rikorrenti. Kif ukoll fehem aktar il-piz fit-tifsira ta'-twissija jew l-hekk insejjah warning meta ma ghandux iwassal ghat-tkeccija ta l-impjegat,f'riferenza ta kaz iehor riferut mill l-istess socjeta intimata *2920 Saviour Caruana vs.John's garage Ltd.*

Għalhekk fil-kuntest tal-kwalità professjonali li hija komposta s-soċjetà intimata, kif ukoll meta wieħed jara l-kwalità ta' kuntratt ta' xogħol tant iddettaljat fejn ma ssir l-ebda riferenza għal xi forma ta' proċess dixxiplinarju formali. B' hekk, ir-rikorrenti kien ikollha d-dritt li tiddeffendi ruħha, (*audi altarem parte*) u darba seta' jiġi ppruvat li l-pariri mogħtija lilha min-naħa tas-soċjetà kif il-lanjanzi tagħha setgħu ġew irranġati fit-temp immedjat, kif riferit mil-laqgħat hekk imsejħa *Disciplinary hearings*, it-tribunal ma setax jikkonvinċi ruħu li t-tkeċċija tar-rikorrenti kienet waħda ġusta.

It-Tribunal jinnota li fil-waqt li mill-istorja lavorattiva tar-rikorrenti, hija dejjem kellha impjieg, jara kuntrast ta' kif issa ilha żmien twil tfittex ix-xogħol, japprezza ukoll li seta' kien hemm raġunijiet ta' żvantaġġ li ssib impjieg, minħabba l-età kif ukoll nuqqas ta' kwalifiki li ma kellhiex l-opportunità li takkwista bl-impenn tal-impjieg tagħha, kif ukoll mis-sitwazzjoni li nstabet fiha f 'dawn it-tali ċirkustanzi.

Jibqa' l-fatt li kieku hija ma ġietx imkeċċija jew anke sospiża temporanjament, hi għadha fl-impjieg sal-lum fejn għadha qiegħda tgawdi l-kundizzjonijiet li kellha.

**<u>Id-deċiżjoni</u>:**

It-Tribunal Industrijali, sema ix-xhieda tal-partijiet,qara s-sottomissjonijiet,evalwa ix-xhiieda u id-dokumenti kollha kif ukoll ta' kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġie espost f'dan il-proċess it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant ma kinitx waħda ġusta. **It-Tribunal f'dan il-kuntest, kif ukoll b'riferenza għal Art 81(2) (a) tal Kap 452 flimkien mal-proviso u tenut tal-età u l-impieg tagħha, u ħa inkonsiderazzjoni d-danni reali u t-telf it-Tribunal jiffissa kumpens li jammonta għal €58,320 li minnu għandu jiġi mnaqqas kull ħlas f'benefiċċji li hija rċeviet mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali tul il-perjodu li hija għamlet bla xogħol sad-data ta' din id-deċiżjoni.**

Din is-somma għandha tiġi mħalsa fi tliet pagamenti ugwali. Bl-ewwel pagament isir fi żmien ħmistax-il ġurnata minn din id-deċiżjoni u ż-żewġ pagamenti l-oħra siru fi spazju ta' xahrejn kull wieħed mill-ewwel pagament.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet tra min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)

James Pearsall

Chairman